MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 581/2011

**Amadeo Balzan (ID 98162M)**

***kontra***

**Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd. (C8035) ;**

**Alexandra Balzan Ruggier (ID 418569M) ; u**

**Oliver Ruggier (ID 57843M) u b`digriet tas-17 ta` Ottubru 2011 l-isem "Oliver Ruggier" ghandu jigi jaqra "Joseph Oliver Ruggier"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat fis-17 ta` Gunju 2011 u jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huwa wiehed mit-tlett azzjonisti tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel & Tourism) Limited (C8035), u ghandu partecipazzjoni komplessiva ta` 49.7% tal-ishma kollha fl-istess socjeta`.*

*2. Illi z-zewg azzjonisti l-ohra fis-socjeta` intimata Central Holidays (Travel & Tourism) Limited (C8035), huma z-zewg intimati l-ohra Alexandra Balzan Ruggier (mart l-esponenti) li ghandha partecipazzjoni komplessiva ta` 49.96% tal-ishma kollha fl-istess socjeta` u missierha Oliver Ruggier ossia Joseph Oliver Ruggier li ghandu partecipazzjoni komplessiva ta` 0.07% tal-ishma kollha fl-istess socjeta`.*

*3. Illi r-rikorrenti kien ukoll wiehed miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata skond l-istess Memorandum u l-Istatut tal-istess socjeta`, izda l-intimati b`kolluzjoni bejniethom nehhew lir-rikorrent minn direttur tal-istess socjeta`.*

*4. Illi fatti li taw lok ghat-tnehhija minn direttur tal-esponent kienu s-segwenti :-*

*5. Permezz ta` ittra datata 30 ta` April 2008 l-intimata Alexandra Balzan Ruggier fil-kwalita` taghha ta` azzjonista tas-socjeta` intimata talbet lill-Bord tad-Diretturi sabiex l-istess Bord isejjah laqgha generali straordinarja tal-kumpannija u fost l-items tal-agenda tal-istess laqgha hija talbet ir-rimozzjoni tar-rikorrent mill-kariga tieghu ta` direttur tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel & Tourism) Limited (C8035).*

*6. Illi r-retroxena li wassal sabiex din il-laqgha straordinarja tigi msejjha mill-imsemmija Alexandra Balzan Ruggier m`hu xejn hlief illi l-esponent u l-imsemmija Alexandra Balzan Ruggier ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni personali bejniethom u s-sejha ta` din il-laqgha bl-agenda kif inhi kienet mezz iehor kif l-istess Alexandra Balzan Ruggier honqot id-drittijiet tal-esponent peress li huwa skopra relazzjoni adultera li hija ghandha ma` certu Brian Azzopardi.*

*7. Illi s-socjeta` intimata hija kumpannija li ilha topera kummercjalment b`success sa minn 1980s. L-ewwel kumpannija bl-isem Central Holidays Ltd. C-4805 kienet giet ifformata fil-11 ta` Jannar 1980 u kienet topera mis-Central Hotel, Independence Avenue, Mosta. Dak iz-zmien il-kumpannija kienet tiggestixxi s-Central Hotel. Kemm il-kumpannija u l-Hotel, dak iz-zmien kienu proprjeta` ta` Alfred Balzan, missier ir-rikorrenti u l-familja tieghu u r-rikorrent minn dejjem kien Direttur tal-kumpannija. Lejn l-ahhar tan-1980s il-kumpannija bdiet topera ukoll negozju relatat mat-turizmu, liema parti tan-negozju sussegwentement gie trasferit lis-socjeta` intimata odjerna kif hawn spjegat.*

*8. Il-kumpannija li wasslet ghal formazzjoni ta` dik intimata kienet giet kostitwita fis-17 ta` April 1986 u originarjament kien jisimha Systems of Beauty Ltd. U kienet registrata u topera mis-Central Hotel, Independence Avenue, Mosta. Dak iz-zmien id-diretturi tal-kumpannija kienu Alfred Balzan (missier l-esponenti) u Odette Balzan (oht l-esponenti). Fit-23 ta` Marzu 1989 b`rizoluzzjoni waqt laqgha straordinarja tal-kumpannija isem il-kumpannija gie mibdul minn Systems of Beauty Ltd. ghal Central Holidays (Travel & Tourism) Ltd. Id-diretturi tal-kumpannija issa kienu saru, Alfred Balzan, Amadeo Balzan, Odette Balzan, Barbara Balzan u Fleur Balzan. Fi ftit kliem il-kumpannija kienet proprjeta` ta` u mmexxija mill-familja tal-esponenti ossia l-missieru u hutu ahwa Balzan. Il-kumpannija kompliet tissoda fin-negozju tat-turizmu u billi oht l-esponenti Odette Balzan kienet ser tizzewweg u tmur tghix barra minn Malta, it-tmexxija tal-kumpannija thalliet kollha f`idejn l-esponent.*

*9. Fis-7 ta` April 1991, l-esponenti zzewweg lill-intimata Alexandra Ruggier u missier l-esponent haseb illi billi l-esponent kien ilu minn dejjem jiggestixxi l-kumpannija Central Holidays (Travel & Tourism) Ltd. allura tali kumpannija kellha tigi trasferita lill-istess rikorrenti. U hekk sar. B`hekk giet ikkreata s-socjeta` intimata u billi dak iz-zmien koppja mizzewga ma setghux ikunu l-unici azzjonisti f`kumpannija ddahhal missier mart ir-rikorrenti (l-intimat l-iehor Oliver Ruggier) li inghata 11-il share. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-kumpannija intimata kompliet topera u tiggestixxi n-negozju lilha mholli mill-predecessur taghha u bdiet topera mill-fond 74, George Borg Olivier Street, St. Julian`s sakemm sussegwentement fis-27 ta` Frar 1998 hija bdiet topera mill-fond 113, St. George`s Road, Paceville, St. Julian`s li huwa aktar adatt ghan-negozju taghha, minn fejn ghadha topera sal-lum.*

*10. Bhal fil-kaz tal-kumpannija precedenti, is-socjeta` intimata dejjem tmexxiet bla problemi ta` xejn u dejjem b`success mill-esponent. Mart l-esponenti qatt ma resqet lejn l-ufficcju tal-kumpannija jew uriet xi interess fl-istess. U l-istess missierha. Missierha kellu u ghad ghandu n-negozju tieghu u minn dak jinteressah. L-arrangament bejn l-esponenti u martu kien li l-esponent jiehu hsieb in-negozju u jahdem filwaqt li hi kellha tiehu hsieb il-familja. Kollox kien miexi sew u n-negozju tal-konjugi Balzan tkattar u kiber u apparti s-socjeta` intimata l-istess konjugi holqu numru ta` kumpanniji ohra ta` certu valur.*

*11. Illi gara li kif gja gie brevement spjegat aktar 'il fuq, iz-zwieg bejn il-konjugi Balzan sofra daqqa ta` harta kbira meta l-esponent skopra relazzjoni adultera ta` martu ma` Brian Azzopardi, liema relazzjoni adultera ghadha sejra sal-lum. L-esponent ipprova kemm-il darba jahfrilha izda kollu ta` xejn. Huwa pprova wkoll kemm-il darba jirrikoncilja z-zwieg izda kollu ta` xejn. Martu ma riedet xejn hlief tissepara biex tkun libera u tghix ma` min trid u taghmel li trid. Minn hemm l-intimata Alexandra Balzan Ruggier bdiet sensiela shiha ta` vendikazzjonijiet u azzjonijiet biex tghakkes kemm jista` jkun lil zewgha, ir-rikorrent. Fost il-metodi ta` tortura hemm il-laqgha straordinarja msemmija li wasslet ghat-tnehhija tieghu minn direttur meta bl-alleanza ma` missierha fil-kumpannija intimata l-intimata Alexandra ottjeniet il-maggoranza u nehhiet lill-esponent minn direttur.*

*12. Illi t-tnehhija minn direttur tal-esponent mill-kumpannija intimata kien ukoll motivat minn kunflitt ta` interess car tal-intimati Oliver u Alexandra Balzan Ruggier li qeghdin jaghmlu minn kollox biex bl-agir taghhom inaqqsu l-valur tas-socjeta` intimata billi johdulha l-unika asset li hija ghandha ossia l-ufficju u l-going concern tieghu – u jargumentaw taht il-kappa ta` diretturi tas-socjeta` personali taghhom (Amber Properties Limited) illi tali hanut huwa taghhom u s-socjeta` intimata m`ghandha ebda dritt fuq l-istess biex b`hekk il-fond jigi liberu u jehilsu mill-kumpannija intimata bir-rizutlat li jehilsu wkoll mir-rikorrent.*

*13. Illi fil-fatt qed jigri kunflitt ta` interess car fil-kawzi li hemm pendenti bejn il-kontendenti fejn l-intimati qeghdin jiffiguraw bhala l-atturi (tramite l-kumpannija taghhom Amber Properties Ltd) li ppromuvew il-kawza ta` zgumbrament kontra s-socjeta` intimata Central Holidays Travel and Tourism Ltd awtrici tas-socjeta` Central Holidays Travel and Organisers Ltd. u bhala diretturi ta` l-istess socjeta` intimata u mbaghad fl-istess nifs gja wiegbu ghal darba darbtejn, tlieta favur it-talbiet tas-socjeta` Amber b`mod illi minflok iddefendew l-interessi tas-socjeta` intimata huma (in kolluzjoni) hejjew it-triq favur l-akkoljiment tat-talbiet tas-socjeta` Amber ghall-izgumbrament tas-socjeta` l-intimata mill-fond fejn tahdem u dejjem hadmet.*

*14. Illi jigi rilevat illi bejn il-kontendenti hemm pendenti diversi kawzi u cioe` s-segwenti :*

*(A) Amber Properties Limtied kienet ghamlet kawza ta` zgumbrament [Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u Amadeo Balzan (Rik. Gur. 113/08 LFS).] kontra s-socjeta` intimata liema socjeta`, diment li kien ghad hemm direttur l-esponent, kienet qieghda tiddefendi t-titolu taghha izda meta l-intimati Ruggier raw dan, nehhew lir-rikorrent minn direttur biex hekk hadu f`idhom il-kontroll assolut tas-socjeta` intimata u ammettew it-talbiet tas-socjeta` Amber bir-rizultat li s-socjeta` intimata inghatat sentenza ta` zgumbrament kontriha. Din is-sentenza llum qieghda tigi titratta.*

*(B) Fil-mori s-socjeta` intimata kienet legalment ittrasferiet id-drittijiet kollha taghha lis-socjeta` Central Holidays Travel and Organisers Ltd. u meta l-intimati Ruggier raw hekk, ghamlu kawza ohra tramiet s-socjeta` Amber fejn talbu lill-Qorti tiddikjara null il-ftehim li hemm bejn is-socjeta` intimata u Central Holidays Travel and Organisers Ltd. [Amber Properties Limited (C28781) vs Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C8035) et 611/10 JZM]. F`din il-kawza wkoll bhala attur*

*argumentaw favur Amber u l-konvenuti (qua diretturi) tas-socjeta` intimata) argumentaw favur is-socjeta` attrici – ghax hija taghhom f`taghhom bir-rizultat li pprezentaw nota ta` ammissjoni ohra.*

*(C) Meta l-esponent issa ra l-agir tal-intimati Balzan Ruggier u Ruggier hareg car li l-intimati Ruggier qeghdin iwettqu frodi tad-drittijiet tal-esponent u permezz ta` rikors guramentat talab ir-ritrattazzjoni tal-kawza ta` zgumbrament li kienet inghatat fil-konfront tas-socjeta` intimata [Kawza ta` ritrattazzjoni numru 247/11 CFS]. F`din il-kawza l-intimati Ruggier ukoll qeghdin jagixxu kontra l-interessi tas-socjeta` intimata billi qua diretturi tas-socjeta` intimata qeghdin jeccepixxu li s-sentenza originali li biha s-socjeta`` intimata giet dikjarat bla titolu u ordnata tizgombra saret res judicata u mhijiex attakkabbli peress li ghaddew it-tliet xhur – qeghdin jargumentaw hekk ghax hekk jaqblilha tghid is-socjeta` personali taghhom Amber Properties Limtied u hekk jaqblilhom jghidu biex jehilsu mir-rikorrent u l-kumpannija intimata.*

*(D) Ir-raba` kawza li hemm hija kawza ohra fejn issa s-socjeta` Amber qieghda titlob l-izgumbrament tas-socjeta` Central Holidays Travel and Organisers Ltd. mill-fond mertu tal-kaz ossia 113, Triq San Gorg, San Giljan [54/11 JZM] peress li qieghda tghid illi tali socjeta` m`ghandha ebda titolu. Kien hawn li r-rikorrent talab il-kjamat in kawza tas-socjeta` intimata Central Holidays Travel and Tourism Ltd. liema talba giet milqugha mill-Qorti. F`din il-kawza ukoll l-intimati Ruggier qua diretturi tal-kjamat in kawza Central Holidays Travel and Tourism Ltd. ipprezentaw risposta fis-sens illi minflok iddefendew lis-socjeta` Central Holidays Travel and Tourism Ltd. ghazlu li jagixxu kontra l-interessi tal-istess kumpannija b`kunflitt car ta` interess.*

*(E) Fil-mori tal-proceduri l-esponent intavola mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimati permezz ta` liema l-intimati jew min minnhom gew inibiti milli jaghmlu kwalsiasi haga jew att illi jista` b`xi mod imur kontra l-interessi tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-8035) u/jew l-interessi tal-azzjonist minoritarju ossia r-rikorrent Amadeo Balzan inkluz izda mhux biss illi jigu inibiti milli jammettu t-talbiet tas-socjeta` Amber Properties Limited fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 54/11 JZM fl-ismijiet Amber Properties Limited (C-28781) vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited )C-43884), Amadeo Balzan (ID98162M) u Alfred Balzan (ID 824237) fejn giet kjamata in kawza s-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C-43884) u dan a tenur ta` digriet datat 30 ta` Mejju 2011 fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 630/2011 JZM (kopja annessa DOK. AB1).*

*15. Illi mill-assiem tas-suespost huwa car illi l-intimati Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) mhux qeghdin imexxu b`mod*

*kompetenti lis-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u di piu` mhux qed josservaw l-obbligi u d-dmirijiet taghhom fi hdan l-istess kumpannija bhala diretturi tal-istess kumpannija u naqsu u qeghdin jonqsu b`mod shih mill-obbligi u d-dmirijiet taghhom versu l-istess socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u gabu qeghdin igibu lill-istess socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited fix-xejn b`dannu car kemm ghall-istess socjeta` intimata u kif ukoll tal-attur qua socju tal-istess socjeta`.*

*16. Illi fil-fatt l-istess intimati Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) qeghdin proprju jahdmu kontra l-interessi tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u qeghdin imexxu u/jew mexxew lill-istess kumpannija b`kunflitt car ta` interess u kwindi dolozament qeghdin jaghmlu u jirreka hsara lill-istess socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess.*

*17. Illi l-agir tal-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M), apparti jirrapprezenta inadempjenza fl-ezekuzzjoni tal-obbligi minnhom assunti fil-konfront tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited b`mod generali, kien u huwa wiehed doluz konsistenti f`raggiri u frodi u qerq li allura kien u huwa ta` pregudizzju serju ghall-interessi tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess billi kisru u qeghdin jiksru l-obbligi u d-doveri taghhom bhala diretturi tal-istess socjeta` intimata u/jew kisru u qed jiksru l-obbligi fiducjarji taghhom u dan stante li ma agixxewx b`onesta` u buoana fede, u anzi ghamlu u qed jaghmlu atti kontra l-interessi tal-istess socjeta` a skapitu tal-istess socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess, u favur l-interessi personali taghhom jew ta` kumpanniji personali taghhom u kienu u qeghdin f`konflitt dirett u lampanti ma` dawk l-interessi tal-kumpannija intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess.*

*18. Illi l-agir tal-intimati Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) ghalhekk jikkostitwixxi wkoll qligh maghmul dolozament a skapitu tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess.*

*19. Illi minhabba l-agir tal-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) is-socjeta` intimata u per konsegwenza l-attur qua socju tal-istess soffrew, qeghdin isofru u ser jibqghu isofru danni.*

*20. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza illi l-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) fil-kwalita` taghhom ta` diretturi huma responsabbli personalment ghad-danni kollha sofferti u li qed isofru u li ser jibqghu jsofru s-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess.*

*21. Illi l-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) interpellati sabiex jirregolaw ruhhom u jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, mhux talli ma rregolawx ruhhom talli anzi baqghu ghaddejjin bl-agir illegali taghhom u kwindi baqghu inadempjenti.*

*22. Illi ghalhekk l-esponent kellu jintavola r-rikors guramentat odjern.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-intimati Alexandra Balzan Ruggier (ID418569M) u Oliver Ruggier (ID57843M) jew min minnhom qua diretturi tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited kienu u ghadhom ta` pregudizzju serju ghall-interessi tal-istess socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess u jmur kontra d-doveri u l-obbligi taghhom bhala diretturi kif kontemplat fl-artikolu 136A tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u/jew kontra l-obbligi fiducjarji taghhom kif kontemplat fl-artikolu 1124A tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta) u/jew li l-agir tal-*

*konvenuti jew min minnhom kien wiehed doluz u qarrieqi biex jaghmlu qligh jew jahsdu vantagg ghalihom personalment u detriment tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju u li konsegwentement tali agir irreka u qed jirreka danni lill-istess socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess;*

*2. Tiddikjara ghalhekk lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited u tal-attur qua socju tal-istess okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi; u*

*4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-attur id-danni kollha hekk likwidati skond it-talba precedenti;*

*5. Tiddikjara illi l-agir tal-intimati jew min minnhom huwa oppressiv fil-konfront tal-esponenti u tal-interess tieghu fis-socjeta` intimata.*

*6. Taghti dawk l-ordnijiet kollha talvolta mehtiega u opportuni fid-dawl ta` dak li jiddisponi l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u dan sabiex jigu mharsa u protetti l-interessi tal-esponent qua azzjonist minoritarju u tas-socjeta` intimata nnifisha in generali.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni sudett u tal-proceduri bejn il-kontendenti kontra l-intimati jew min minnhom li jibqghu minn issa ngunti biex jidhru in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier prezentata fit-18 ta` Awissu 2011 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari l-kawza kif proposta u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jigu kkunsidrati stante illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrent kellha tkun dik kontemplata fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u cioe` permezz ta` rikors semplici u mhux rikors guramentat kif propost mir-rikorrenti, ghaldaqstant l-azzjoni tar-rikorrent hija rrita u nulla ;*

*2. Illi in linea preliminari u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, l-azzjoni mehuda mir-rikorrent hija rregolari stante illi r-rikorrent qieghed jipprova jottjeni rimedji illi ghandu dritt ghalihom biss u unikament taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema Artikolu jistipula procedura ad hoc ;*

*3. Illi subordinatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari u dejjem in linea preliminari r-rikorrent m`ghandux l-interess guridiku jippromwovi l-kawza kif proposta ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari m`huwiex car u sew l-oggett u t-tip ta` kawza maghmula mir-rikorrent u r-ragunijiet tat-talbiet, stante illi r-rikorrent jikkwota l-Artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk l-intimata tirriserva d-dritt, wara li jsiru d-debiti kjarifiki mir-rikorrent, illi tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari kwalsiasi azzjoni ghal rimedju kontra d-diretturi fl-interess tas-socjeta` intimata tirrikjedi l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti qabel ma tigi istitwita tali azzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema awtorizzazzjoni r-rikorrenti ma talabx u di konsegwenza ma ottjeniex ;*

*6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tar-rikorrent huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-intimata bl-ebda mod ma agixxiet jew qed tagixxi bi pregudizzju jew detriment ghall-interessi tar-rikorrent u/jew tas-socjeta` intimata kif ukoll bl-ebda mod ma kisret id-disposzizzjonijiet tal-Artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta kif qed jigi allegat, u/jew l-obbligi fiducjarji kontemplati fl-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*7. Illi fil-mertu wkoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimata agixxiet fl-interessi tas-socjeta` intimata Central Holidays (Travel and Tourism) Limited, stante illi kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta` dan il-kaz, is-socjeta` intimata, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, ma ghandha l-ebda jedd fuq l-ufficcju 113, St. George`s Road, Paceville, San Giljan u ghaldaqstant m`ghandha l-ebda "asset" u kif ukoll m`ghandhiex "going concern" stante illi dan gie b`mod qarrieri u ghal kollox frawdolenti moghti mir-rikorrenti, waqt illi kien direttur tas-socjeta` intimata, lis-socjeta` proprjeta` ta` missier ir-rikorrent, u cioe` Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C43884) ;*

*8. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda 'kolluzjoni' bejn l-intimati, kfi qed jallega r-rikorrenti, u lanqas kunflitt ta` interessi, li setghu wasslu ghal xi frodi fil-konfront tieghu jew wasslu sabiex hu jew is-socjeta` intimata jsofru danni, stante illi l-azzjonijiet illi ttiehdu saru fost l-ohrajn sabiex jigu rettifikati u msewwa azzjonijiet qarrieqa u dikjarazzjonijiet foloz tar-rikorrent u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz ;*

*9. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandu jaghti prova rigoruza tad-danni minnu reklamati u jiddistingwi l-istess, mid-danni allegatament subiti mis-socjeta` intimata li kontra taghha qieghed ukoll jipprocedi b`din l-azzjoni ;*

*10. Illi fil-qosor u per via di replica ghal premessi tar-rikors guramentatipprezentat mir-rikorrent, il-maggior parti tal-premessi m`ghandhom l-ebda rilevanza jew huma ghal kollox inveritjeri u foloz, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, bizzejjed wiehed isemmi l-frazi tar-rikorrent fil-premessa numru 11 "Fost il-metodi ta` tortura hemm il-laqgha straordinarja msemmija li wasslet ghat-tnehhija tieghu minn direttur", meta tali procedura hija mnissla fil-ligi, partikolarment fl-Artikolu 140 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, sakemm ir-rikorrent ma jhossx illu huwa "al di sopra della legge" ;*

*11. B`rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd. rapprezentata mid-direttur taghha Alexandra Balzan Ruggier prezentata fit-<u>18 ta` Awissu 2011</u> li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari m`huwiex car u sew l-oggett u t-tip ta` kawza maghmula mir-rikorrent u r-ragunijiet tat-talbiet, in partikolari dak illi jirrigwardaw is-socjeta` intimata illi kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet tar-rikorrent tidher illi se mai tibbenefika u mhux tbati xi konsegwenzi u ghalhekk l-intimati jirriservaw id-dritt*

*illi jqajmu l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha wara d-debiti kjarifiki mir-rikorrent, jekk ikun il-kaz ;*

*2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-kjarifiki da parti tar-rikorrent fir-rigward tal-kawza esperita u r-ragunijiet tat-talbiet ikunu fis-sens illi dawn ghandhom jibbenefikaw lis-socjeta` intimata, ir-rikorrent kellu a priori jottjeni l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti qabel ai termini tal-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema procedura ma gietx adoperata ;*

*3. B`riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Oliver Ruggier prezentata fit-18 ta` Awissu 2011 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok jehtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju ta` dan ir-rikors guramentat stante illi l-isem korrett tal-esponenti huwa Joseph Oliver Ruggier u mhux Oliver Ruggier.*

*2. Illi preliminarjament il-kawza kif proposta mir-rikorrenti hija rrita u nulla stante illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti kellha semmai tkun dik bazata fuq l-*

*artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, senjatament, permezz ta` rikors semplici u mhux rikors guramentat kif sar fil-kaz odjern.*

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux car l-oggett u t-tip ta` kawza li qieghed jittenta r-rikorrent kif ukoll m`humiex cari r-ragunijiet tat-talbiet tieghu stante illi r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 136A tal-Kap. 386 u l-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, izda wara jitlob li jittiehdu mizuri ai termini ta` dak provdut taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jiddikjara b`mod car u inekwivokabbli taht liema artikolu tal-ligi qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, b`dan illi l-eccipjenti qieghed izomm ferm id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jsiru d-debiti kjarifiki mir-rikorrenti.*

*4. Illi wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikors odjern huwa wkoll irritu u null stante illi filwaqt li dan jirrizulta sar espressament fl-interess tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd., gie wkoll intavolata kontra taghha.*

*5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti m`ghandux l-interess guridiku mehtieg sabiex jipproponi l-azzjoni kif proposta u dan kif ser jigi ppruvat ahjar tul il-mori ta` din il-kawza.*

*6. Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghall-hames eccezzjoni, anke jekk jista` jigi koncess ghal grazzja tal-argument u ghal grazzja tal-argument biss, illi r-rikorrenti ghandu l-interess guridiku mehtieg, dan kellu qabel xejn jottjeni l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti kif provdut fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, procedura li ma gietx adoperata mir-rikorrenti.*

*7. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi kif ser jigi spjegat tul din ir-risposta guramentata u kif ser jigi ulterjorment ippruvat tul it-trattazzjoni ta` dan il-kaz, l-esponenti bl-ebda mod ma agixxa jew qed*

*jagixxi bi pregudizzju jew detriment ghall-interessi tar-rikorrent u/jew tas-socjeta` intimata kif ukoll bl-ebda mod ma kiser id-disposzizzjonijiet tal-artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta kif qed jigi allegat, u/jew l-obbligi fiducjarji kontemplati fl-Artikolu 1124A tal-Kap. 16.*

*8. Illi minghajr pregudizzju, ma jezisti l-ebda kunflitt ta` interess da parti tal-esponenti kif allegat mir-rikorrenti fi premessa numru 12 u 13 tar-rikors guramentat. Ir-rikorrenti jghawweg il-fatti billi jghid illi l-intimati Ruggier u Balzan Ruggier, bhala diretturi ta` Amber Properties Ltd. hadu l-unika asset tas-socjeta` intimata. Hu jghid ukoll illi l-intimati, 'bhala diretturi' ta` Amber Properties Ltd. b`agir kolluziv mhxu qeghdin jiddefendu l-interessi tas-socjeta` intimata. F`dan ir-rigward l-esponenti Joseph Oliver Ruggier jichad kategorikament li huwa b`xi mod agixxa kontra s-socjeta` intimata u jirrileva ulterjorment illi ma huwa minnu xejn illi huwa b`xi mod involut fil-gestjoni tal-kumpannija Amber Properties Ltd. Wisq inqas ma huwa proprjetarju jew direttur tal-imsemmija kumpannija kif ir-rikorrenti seta` facilment jikkonferma qabel ma ghamel dawn id-dikjarazzjonijiet u kif ser jigi muri tul it-trattazzjoni ta` dan il-kaz.*

*9. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit ma tezisti l-ebda 'kolluzjoni' bejn l-intimati, kif qed jallega r-rikorrenti, u li wasslet ghal xi frodi fil-konfront tieghu jew li wasslet sabiex hu jew is-socjeta` intimata jsofru danni. L-affarijiet tal-kumpannija dejjem tmexxew u ghadhom qed jitmexxew korrettement mill-esponenti fl-interess tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd. u dan kif ser jigi ppruvat ahjar tul it-trattazzjoni ta` dan il-kaz.*

*10. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ir-rikorrenti ghad irid jispjega u jipprova fiex jikkonsistu d-danni li huwa qed jirreklama, filwaqt illi jridu juri u jipprova distintament, dawk li huma d-danni allegatament subiti minnu personalment u d-danni allegatament subiti mis-socjeta` intimata li kontra taghha qieghed ukoll jipprocedi b`din l-azzjoni.*

*11. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju, kull allegazzjoni kontra l-intimati li dawn aggixxew b`mod oppressiv hija wkoll ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt. Fir-rikors guramentat tieghu r-rikorrenti konvenjentement jonqos milli jirrifletti l-verita` tal-fatti li wasslu sabiex huwa jkollu, fl-ahjar interessi tas-socjeta` intimata, u*

*skond procedura prevista mill-Kap. 386, jitnehha minn direttur. Fil-fatt id-deskrizzjoni moghtija mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu dwar ir-ragunijiet li wasslu ghat-tnehhija tieghu minn direttur tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd huma ghal kollox inveritjieri u ma jirriflettu bl-ebda mod il-fatti kif realment graw b`dan illi l-esponenti jissottometti umilment is-segwenti.*

*12. Illi f`Novembru tal-2007 kien fil-fatt ir-rikorrenti li telaq mid-dar matrimonjali u ntavola proceduri ta` separazzjoni minn ma` martu l-intimata Alexandra Balzan Ruggier. Qabel ma gara dan, it-tmexxija tas-socjeta` intimata kienet timxi b`mod regolari u tajjeb. Qabel ma tkisser iz-zwieg ta` bejniethom, l-intimata Balzan Ruggier ma kellhiex ghalfejn tmur lejn l-ufficcju ghaliex f`dak il-perjodu hija kienet tafda lil zewgha liema fiducja pero` giet nieqsa meta r-rikorrenti akkuzah b`allegazzjonijiet foloz b`dan illi z-zwieg taghhom spicca tkisser irrimedjabilment ghal ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti. Meta mbaghad beda l-inkwiet personali bejn il-partijiet mizzewgin ir-rikorrenti mhux biss ma baqax jinvolvi lil martu bhala direttrici tas-socjeta` fit-tmexxija tal-istess izda lanqas beda jinfurmah b`dak li kien qed jigri u sahansitra abbusivament u llegalment eskludiha mit-tmexxija tal-istess u cahhadha l-access ghall-ufficcju tas-socjeta` intimata.*

*13. Illi kien unikament f`dan l-isfond, li ghalih kien unikament responsabbli r-rikorrenti stess, illi fit-2 ta` Jannar 2008, l-intimata nterpellat lir-rikorrenti Balzan sabiex fost affarijiet ohra jipprovdilha kopja tac-cwievet tal-fond 113, St. George`s Road, San Giljan, cioe` l-indirizz registrat tas-socjeta` intimata, kopja ta` kull korrispondenza u dokumentazzjoni li kellhom x`jaqsmu mas-socjeta` intimata, u rendikont dettaljat u komplut tal-operazzjonijiet u tal-finanzi tas-socjeta` esponenti sabiex tkun tista` tevalwa bir-reqqa u skond id-drittijiet taghha, l-operat tal-istess socjeta` intimata (Dokument anness bhala Dok. CH1). Minkejja tali interpellazzjoni, ir-rikorrenti baqa` inadempjenti u kompla jagixxi b`mod ghal kollox illegali u abbuziv, tant illi l-intimata Balzan Ruggier giet imcahhda milli tezercita d-drittijiet taghha ta` direttrici tas-socjeta` intimata. Ghalhekk l-intimata kienet anke pprocediet kontra r-rikorrenti permezz ta` rikors guramentat fl-ismijiet Alexandra Balzan Ruggier vs Amadeo Balzan (Rik. Gur. 177/08, anness Dok. CH2) sabiex jitharsu l-interessi u d-drittijiet taghha bhala direttrici u membru tas-socjeta` intimata.*

*14. Illi fit-28 ta` April 2008 l-Awditur tas-socjeta` intimata baghat ittra lil kull wiehed mill-membri tas-socjeta` intimata, inkluz l-esponenti, fejn talabhom l-informazzjoni necessarja sabiex huwa jkun jista` jaghmel l-ezercizzju tal-audit illi*

*suppost kellu jsir wara t-30 ta` April 2008 u jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega, specjalment in vista tal-fatt illi fi kliem l-awditur stess, 'at present the company is not operating its financial trading activities through its bank account' (ittra hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CH3). Minkejja t-talba maghmula mill-awditur tas-socjeta` esponenti, ir-rikorrenti baqa` ma ghaddiex l-informazzjoni rikjesta.*

*15. Illi in vista tal-fatt illi r-rikorrenti baqa` jmexxi s-socjeta` intimata qisu xejn m`hu xejn u minghajr ma jaghti l-ebda rendikont, fit-30 ta` April 2009 l-intimata Alexandra Balzan Ruggier, talbet lill-Bord tad-Diretturi jghajjtu laqgha generali straordinarja tas-socjeta` intimata sabiex jigu diskussi u jittiehdu dawk id-decizjonijiet kontenuti fl-istess ittra (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. CH4). Ir-rikorrenti pero` ghazel illi jhalli jiskadi t-terminu ta` 21 jum prefiss mill-Artikolu 129(2) tal-Kap. 386 sabiex il-Bord tad-Diretturi jghajjat il-laqgha generali straordinarja tas-socjeta`. Ghal dawn ir-ragunijiet fit-30 ta` Mejju 2008 l-intimata ezercitat id-dritt taghha taht l-artikolu 129(3) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u sejhet il-laqgha generali straordinarja tas-socjeta` intimata sabiex issir id-diskussjoni u jittiehdu d-decizjonijiet necessarji kif kontenut fl-agenda ghal-laqgha generali straodinarja tas-17 ta` Gunju 2008 (annessa u mmarkata bhala Dok. CH5). F`dan ir-rigward jigi umilment rilevat illi hija ghal kollox gratuwita id-dikjarazzjoni li ghamel ir-rikorrenti f`paragrafu 11 tar-rikors guramentat meta jghid illi l-laqgha straordinarja generali msejha mill-intimata u l-esponenti skond il-ligi, kienet xi forma ta` 'tortura' fil-konfront tieghu.*

*16. Illi in vista tal-fatt li r-rikorrenti ried jipposponi l-imsemmija laqgha ghal data ohra, il-membri kollha tas-socjeta` intimata ftehmu illi din il-laqgha ssir fil-25 ta` Gunju 2008 fil-hamsa ta` filghaxija kif jidher car mir-risoluzzjoni (Dok. CH6) relattiva. Minn dawn id-dokumenti jidher car illi r-rikorrenti ta l-kunsens tieghu sabiex fil-laqgha generali straordinarja hekk proposta jigu diskussi u decizi dawk l-affarijiet illi kienu gew imnizzla fil-lista tal-Agenda hawn fuq imsemmija. Ir-rikorrenti pero` naqas milli jattendi l-laqgha generali straordinarja ffissata ghall-25 ta` Gunju 2008 u l-Avukat Noel Barolo ghall-istess rikorrenti nforma l-membri u l-awditur tas-socjeta` intimata permezz tat-telefon illi l-laqgha tista` ssir l-ghada 26 ta` Gunju 2008 fis-saghtejn. Is-socji kollha qablu li jipposponu l-laqgha ghall-ghada.*

*17. Illi fil-laqgha generali straordinarja tas-socjeta` intimata, illi finalment saret regolarment nhar is-26 ta` Gunju 2008 u li ghaliha attendew il-membri kollha tas-socjeta` intimata, inkluz ir-rikorrenti, irrizulta fost affarijiet ohra illi r-rikorrenti, fuq ammissjoni tieghu stess ma kienx qed juza l-kont bankarju tas-socjeta` intimata ghat-*

*transazzjonijiet kummercjali tal-istess, izda kont bankarju miftuh f`ismu personali u dan kif ahjar indikat fil-minuti tal-imsemmija laqgha generali straordinarja (minuti mehmuz bhala Dok. CH6). Dakinhar, il-membri kollha kienu qablu, inkluz ir-rikorrenti illi: "... the meeting was adjourned for the 25th July at 10:00am at the registered office of the Company for the scope of discussing and deciding on the same points listed on the agenda for the meeting held on the 26th June 2008. Members present waived their right to formal notification of the meeting of the 25th July 2008 and acknowledge postponement of the meeting for such date and for such purpose."*

*18. Illi gara pero` illi r-rikorrenti ghazel li jmur hu stess kontra dak li kien qabel fuqu meta pprezenta r-rikors ghal hrug ta` mandat ta` inibizzjoni xahar wara l-imsemmija laqgha generali straordinarja, u cioe` gurnata biss il-boghod mil-laqgha generali straordinarja tal-25 ta` Lulju 2008 regolarment mghajta skond il-ligi u l-Memorandum & Articles of Association tas-socjeta` intimata. Fil-fatt ir-rikorrenti Amadeo Balzan kien ghamel minn kollox biex il-laqgha ma ssehhx u sahansitra pprova jwaqqaf is-sejha ta` din il-laqgha permezz ta` zewg proceduri u cioe` permezz u ta` mandat ta` inibizzjoni bin-numru 1129/08 fl-ismijiet Amadeo Balzan vs Central Holidays (Travel and Tourism) Ltd. u permezz ta` rikors bin-numru 758/2008 fl-istess ismijiet. F`dawn iz-zewg proceduri l-Prim`Awla tal-Qorti Civili ma laqghetx it-talbiet tar-rikorrenti u kkonfermat illi l-Bord tad-Diretturi kellu d-dritt illi jnehhi lir-rikorrenti mill-kariga ta` direttur kif fil-fatt sar nhar it-18 ta` Settembru 2008.*

*19. Illi jigi umilment rilevat illi minn dak kollu spjegat f`din ir-risposta u minn dak li ser jigi muri tul it-trattazzjoni ta` dan il-kaz, ma kien hemm l-ebda agir kolluziv da parti tal-esponenti jew agir li jmur kontr ad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 136A tal-Kap. 386 u/jew 1124A tal-Kap. 16. L-azzjonijiet li saru mill-intimati kienu msejsa fuq id-drittijiet moghtija lilhom mil-ligi ai termini tal-Artikolu 140(1) tal-Kap. 386 li jistabilixxi illi kumpannija tista` tnehhi direttur b`risoluzzjoni li ttiehdet f`laqgha generali tal-kumpannija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvotaw, li flimkien ikollhom aktar minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta` l-azzjonijiet rapprezentati u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha. Ghalhekk il-ligi taghti dritt lil min ghandu l-maggoranza ta` l-ishma, bhal fil-kaz tal-intimati, illi jnehhu direttur minn fuq il-Bord tad-Diretturi, tant illi l-Artikolu 140, argument imsahhah minn dak li hemm ipprovdut fis-sub-artikolu 2 ta` l-istess Artikolu li, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom japplikaw minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija jew f`xi ftehim bejnha u d-direttur.*

*20. Illi permezz tal-hames talba tieghu, ir-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna l-agir tal-intimati jew min minnhom bhala wiehed oppressiv fil-konfront tar-rikorrenti u tal-interess tieghu fis-socjeta` intimata. Konsegwentement jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk l-ordnijiet kollha talvolta mehtiega u opportuni fid-dawl ta` dak li jiddisponi l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u dan sabiex jigu mharsa u protetti l-interessi tar-rikorrenti qua azzjonist minoritarju tas-socjeta` intimata nnifisha in generali. F`dan ir-rigward u ghal kollox minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra mressqa iktar qabel f`din ir-risposta, l-esponenti jirrileva umilment illi l-iskop tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 hu li jipprotegi d-drittijiet tal-membri f`socjeta` fejn huma ma jkollhomx kontroll u minhabba f`hekk ikunu soggetti ghar-rieda ta` dawk li gahndhom it-tmexxija tas-socjeta` f`idejhom. Jidher illi l-ilment primarju tar-rikorrenti huwa fis-sens illi l-interessi tieghu m`humiex rapprezentati wara li hu tnehha minn direttur kif spjegat. Pero` n-nuqqas ta` rapprezentanza fit-tmexxija ta` kumpannija mhix fiha nnifisha att opprimenti. Li wiehed ikollu ishma f`kumpannija ma jaghtix dritt assolut li jkollu rapprezentanza fil-kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja taht l-artikolu 402 ta` l-azzjonista minoritarju hi li dawk l-atti kommessi minn min jikkontrolla s-socjeta` ma jaghmlux atti opprimenti, ingusti u diskriminatorji. L-esponenti jirrileva umilment, u dan a bazi ta` dak li tiddisponi l-ligi, illi in vista tal-fatt illi t-tnehhija ta` direttur hi azzjoni prevista, accettata u moghtija mil-ligi, it-tnehhija ta` direttur ma tistax tigi kunsidrata minnha nfisha li tippregudika l-interess tal-azzjonist minoritarju peress illi bis-semplici tnehhija tad-direttur id-drittijiet tieghu bhala tali jibqghu mpregudikati. Id-drittijiet tas-socju minoritarju jigu lezi u allura jkun jista` jiehu azzjoni biss meta t-tmexxija tal-kumpannija tkun qed issir b`mod opprimenti, ingusta jew diskriminatorja fil-konfront tieghu.*

*21. Illi dwar dak rilevat mir-rikorrenti fit-12-il premessa tieghu ossija li l-intimati qeghdin jaghmlu minn kollox biex inaqqsu l-valur tas-socjeta` intimata billi jehdulha l-uniku asset li hija ghandha ossija l-fond li jinsab 113, Triq San Giljan, San Giljan, jigi umilment rilevat ghal korrettezza illi dan il-fond huwa fil-fatt proprjeta` ta` socjeta` ohra li r-rikorrenti m`ghandu xejn x`jaqsam maghha, kif spjegat aktar qabel f`din ir-risposta, cioe` s-socjeta` Amber Properties Ltd. Involtre ma hemm l-ebda kunflitt ta` interess da parti tal-esponenti kif qed jipprova jallega r-rikorrenti u kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni ta` dan il-kaz.*

*22. B`rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Joseph Oliver Ruggier, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata tieghu.

Rat dak li vverbalizza d-difensur tal-attur fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2011 meta ddikjara, wara talba ghal kjarika tal-Qorti, illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-Art 136A tal-Kap 386 u hija biss talba marginali ghat-talba principali li saret riferenza ghall-Art 402 tal-Kap 386. Propju ghaliex l-azzjoni saret skond l-Art 136A li l-procediment kien inizjat bir-rikors guramentat.

Rat ukoll illi fl-istess udjenza l-attur talab korrezzjoni fl-isem tal-konvenut Ruggier, talba li l-Qorti laqghet. Ghalhekk kienet ritirata l-ewwel eccezzjoni tal-istess konvenut.

Rat ukoll illi fl-istess udjenza l-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex iressqu provi u jittrattaw l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Joseph Oliver Rugger u l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012 fejn id-difensur tal-attur iddikjara illi l-attur kien qieghed jirtira l-hames u s-sitt talbiet b`dan illi l-azzjoni attrici kienet sejra tkun limitata biss ghall-artikoli tal-ligi citati fl-ewwel talba mhux skond l-Art 402 tal-Kap 386.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012 fejn in succint xehed illi huwa azzjonista ta` Central 1, illi fid-data tal-presentata tar-rikors

guramentat ma kienx direttur ta` Central 1, u li ma talabx permess lill-Qorti qabel ipprezenta l-kawza tal-lum.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw fl-istess udjenza li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-eccezzjonijiet fuq riferiti.

Semghet sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 fejn, in vista tad-dikjarazzjoni li saret mill-attur fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012, il-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier u l-konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited iddikjaraw illi kienu qeghdin jirtiraw l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom waqt illi l-konvenut Joseph Oliver Ruggier iddikjara li kien qieghed jirtira t-tieni u r-raba` eccezzjonijiet. It-tliet konvenuti zammew fermi l-eccezzjonijiet l-ohra.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensuri fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar it-tielet, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Joseph Oliver Ruggier, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited, u t-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. L-eccezzjonijiet preliminari

L-eccezzjonijiet li qeghdin jigu decizi llum huma :

**a) Fil-kaz tal-konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited :**

**It-tieni eccezzjoni**

Taqra hekk :

*2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk il-kjarifiki da parti tar-rikorrent fir-rigward tal-kawza esperita u r-ragunijiet tat-talbiet ikunu fis-sens illi dawn ghandhom jibbenefikaw lis-socjeta` intimata, ir-rikorrent kellu a priori jottjeni l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti qabel ai termini tal-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema procedura ma gietx adoperata ;*

**b) Fil-kaz tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier :**

**It-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet**

Ighidu hekk :-

*2. Illi in linea preliminari u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, l-azzjoni mehuda mir-rikorrent hija rregolari stante illi r-rikorrent qieghed jipprova jottjeni rimedji illi ghandu dritt ghalihom biss u unikament taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema Artikolu jistipula procedura ad hoc ;*

*3. Illi subordinatament ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari u dejjem in linea preliminari r-rikorrent m`ghandux l-interess guridiku jippromwovi l-kawza kif proposta ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari m`huwiex car u sew l-oggett u t-tip ta` kawza maghmula mir-rikorrent u r-ragunijiet tat-talbiet, stante illi r-rikorrent jikkwota l-Artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk l-intimata tirriserva d-dritt, wara li jsiru d-debiti kjarifiki mir-rikorrent, illi tqajjem eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari kwalsiasi azzjoni ghal rimedju kontra d-diretturi fl-interess tas-socjeta` intimata tirrikjedi l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti qabel ma tigi istitwita tali azzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 402(3)(e) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema awtorizzazzjoni r-rikorrenti ma talabx u di konsegwenza ma ottjeniex ;*

**c)** **<u>Fil-kaz tal-konvenut Joseph Oliver Ruggier</u> :**

**<u>It-tielet, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet</u>**

Ighidu hekk :-

*3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux car l-oggett u t-tip ta` kawza li qieghed jittenta r-rikorrent kif ukoll m`humiex cari r-ragunijiet tat-talbiet tieghu stante illi r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 136A tal-Kap. 386 u l-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, izda wara jitlob li jittiehdu mizuri ai termini ta` dak provdut taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Ghalhekk ir-rikorrent ghandu jiddikjara b`mod car u inekwivokabbli taht liema artikolu tal-ligi qieghed jibbaza t-talbiet tieghu, b`dan illi l-eccipjenti qieghed izomm ferm id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jsiru d-debiti kjarifiki mir-rikorrenti.*

*5. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti m`ghandux l-interess guridiku mehtieg sabiex jipproponi l-azzjoni kif proposta u dan kif ser jigi ppruvat ahjar tul il-mori ta` din il-kawza.*

*6. Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghall-hames eccezzjoni, anke jekk jista` jigi koncess ghal grazzja tal-argument u ghal grazzja tal-argument biss, illi r-rikorrenti ghandu l-interess guridiku mehtieg, dan kellu qabel xejn jottjeni l-awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti kif provdut fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, procedura li ma gietx adoperata mir-rikorrenti.*

**III.** **<u>L-istanza attrici</u>**

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istanza attrici hadet svolta fis-sens illi fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2011, l-attur iddikjara li l-azzjoni tieghu hija bbazata fuq l-Art 136A tal-Kap 386 waqt li r-riferenza ghall-Art 402 tal-Kap 386 kienet biss wahda marginali ; u fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2012, l-attur iddikjara illi kien qieghed jirtira l-hames u s-sitt talbiet b`dan illi l-azzjoni tieghu kienet sejra tkun limitata biss ghall-artikoli tal-ligi citati fl-ewwel talba - mhux aktar skond l-Art 402 tal-Kap 386.

**Id-disposizzjonijiet citati mill-attur fl-ewwel talba huma l-Art 136A tal-Kap 386 u l-Art 1124A tal-Kap 16.**

**a) <u>L-Art 136A tal-Kap 386</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b'onestà u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.*

*(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli għal :*

*(a) it-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha ; u*

*(b) s-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.*

*(3) B'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċjazzjoni jew b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija :*

*(a) ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha -*

*(i) kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu raġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija ;*

*(ii) kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur ;*

*(b) ma għandhomx jagħmlu profitti sigrieti jew personali mill-pożizzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tal-kumpannija, lanqas ma jagħmlu gwadan personali minn informazzjoni konfidenzjali tal-kumpannija ;*

*(ċ) għandhom jassiguraw li l-interessi personali tagħhom ma jkunux f'konflitt mal-interessi tal-kumpannija ;*

*(d) ma għandhomx jużaw xi proprjetà, informazzjoni jewopportunità tal-kumpannija għall-benefiċċju tagħhom stess jew ta' xi ħadd ieħor, jew jieħdu xi benefiċċju b'xi mod ieħor b'konnessjoni mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom, ħlief bil-kunsens tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew ħlief kif permess mill-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija ;*

*(e) għandhom jeżerċitaw is-setgħat li għandhom għall-finijiet li jkunu ngħataw is-setgħat u m'għandhomx jużaw ħażin dawk is-setgħat.*

**b) <u>L-Art 1124A tal-Kap 16</u>**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") -*

*(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*

*(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

*(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.*

*(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiducjarji wkoll titqies li hija soggetta ghall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.*

*(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna -*

*(a) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra ; jew*

*(b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-disposizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ -*

*(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu ;*

*(b) li jevita kull konflitt ta' interess ;*

*(ċ) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu ;*

*(d) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda ;*

*(e) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew mizmuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili ;*

*(f) li jżomm records xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji ;*

*(g) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji ;*

*(h) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà mizmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra meħtieġa mil-liġi applikabbli.*

*(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.*

*(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta' dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita.*

**IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**L-eccezzjonijiet li qeghdin jigu decizi llum, bid-diversi sfumaturi taghhom, meta trattati fl-assjem, qeghdin fis-sostanza jikkontestaw il-legittimita` tal-azzjoni attrici fl-intier taghha.**

**L-attur isostni illi ghax huwa azzjonista li jippossjedi 49.7% tal-ishma tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited huwa ghandu l-jedd illi jippromwovi l-azzjoni tal-lum <u>kemm</u> skond l-Art 136A tal-Kap 386 <u>kif ukoll</u> skond l-Art 1124A tal-Kap 16.**

**Din il-Qorti *in primis* tibda billi tirrileva illi ghax l-attur agixxa bhala azzjonista (ara propju l-ewwel kawzali) u allega vjolazzjoni da parti tal-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier u Joseph Oliver Ruggier tal-jeddijiet tas-socjeta` konvenuta u tieghu personali bhala azzjonista, huwa kien qed jinvoka l-harsien tad-disposizzjonijiet tal-Kap 386.**

**Din hija l-*lex specialis* li tirregola l-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta` konvenuta u tieghu personali bhala azzjonista.**

**Ghax hekk huwa l-kaz tal-lum, l-attur ma jistax, fil-kaz li ma tirnexxix l-azzjoni tieghu skond il-Kap 386, jinvoka wkoll jew alternativament l-applikazzjoni tal-Art 1124A tal-Kap 16, propju ghaliex fil-kaz tal-lum il-Kap 16 huwa l-*lex generalis.***

**Japplika l-principju tad-dritt : *lex specialis derogat generalis.***

**Incidentalment fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, jirreferi ghal dak li jirrizulta mill-awturi u mill-gurisprudenza dwar il-ligi socjetarja minghajr ma jirreferi – mqar b`accenn – ghall-Art 1124A tal-Kap 16.**

**Dan premess, il-Qorti tirrileva illi huwa evidenti illi fil-kors tal-kawza, l-attur bidel l-istrategija tieghu. Infatti huwa nieda din il-kawza bil-presentata ta` rikors guramentat <u>minflok</u> b`rikors semplici. L-ghazla ta` l-att opportun ghall-istituzzjoni tal-kawza mhuwiex materja ta` formalizmu izda ta` ordni pubbliku u ta` sostanza. Huwa evidenti illi l-attur ried iwessa` kemm seta` l-modalita` u l-finalita` tal-azzjoni tieghu, billi bl-ewwel erba` talbiet min-naha wahda, avvanza pretensjoni ghal danni billi rrefera ghall-Art 136A tal-Kap 386 u ghall-Art 1124A tal-Kap 16, u min-naha l-ohra, avvanza pretensjoni ulterjuri skond l-Art 402 tal-Kap 386.**

**Rinfaccjat bl-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier, li evidentement kienet motivata minn zviluppi fil-gurisprudenza li tghid illi azzjonijiet abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386 ghandhom jigu promossi b`rikors semplici <u>mhux</u> b`rikors guramentat (ara : "<u>Michael Debono et vs Mario Debono et</u>" : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 29 ta` Novembru 2011 ; "<u>Bridget Giusti et vs Godwin Giusti et</u>" : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 3 ta` April 2012) l-attur *e` corso ai ripari* u rtira l-hames u s-sitt talbiet li fl-essenza jfisser li warrab ghal kollox l-azzjoni tieghu abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386, u tefa` l-piz kollu fuq il-pretensjonijiet tieghu skond l-Art 136A tal-Kap 386 u skond l-Art 1124A tal-Kap 16 li kellu ta` bilfors *ad validitatem* iressaqhom `il quddiem bil-presentata ta` rikors guramentat. In segwitu ghall-pass li ha l-attur, il-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier irtirat l-ewwel eccezzjoni.**

**1) <u>Il-Kap 386 bhala l-*lex specialis*</u>**

**(L-Art 136A)**

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi mill-mod kif l-attur imposta l-kawzali u l-ewwel erba` talbiet, riferibbilment ghall-Art 136A tal-Kap 386, huwa qieghed jintavola *a derivative action.* Infatti sistematikament fil-kawzali wahda wara l-ohra jilmenta illi l-agir tal-konvenuti Alexandra Balzan Ruggier u ta` Joseph Oliver Ruggier qieghed jaghmel hsara u jikkaguna pregudizzju ghad-dannu tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited, u tieghu wkoll bhala azzjonista taghha. L-ewwel erba` talbiet huma ghalhekk rifless tal-allegat pregudizzju ghall-kumpannija u ghalih innifsu bhala azzjonista.**

**a) Id-"*derivative action*" fil-ligi tal-Ingilterra**

**i) Skond il-"*Common Law*"**

Fil-Pag 692-693 tat-Tmien Edizzjoni ta` **Boyle & Birds` Company Law** pubblikata minn Jordans fl-2012 jinghad hekk –

*There is a general principle of company law that minority shareholders cannot sue for wrongs done to their company or complain of irregularities in the conduct of its internal affairs. This principle came to be known as the rule in "Foss v Harbottle" from the decision in which it was first clearly established. The cases show that this rule rests upon two related propositions: (a) the right of the majority to bar a minority action whenever they might lawfully ratify alleged misconduct ; and (b) the normally exclusive right of the company to sue upon a corporate cause of action. In "Edwards v Halliwell" Jenkins L.J. elucidated the relationship between the two propositions by contending that the will of the majority, vis-a-vis the minority is to be identified with that of the company. Consequently to say that the company is "prima facie" the proper plaintiff (claimant) in actions concerning its affairs is only another way of saying that the majority, within the limits of their power to ratify, have the sole rights to determine whether or not a dispute shall be brought before the courts.*

*The courts have justified the policy expressed by the rule by certain practical arguments of convenience. In "Gray v Lewis", James L.J. justified the principle that any body corporate is the proper plaintiff in proceedings to recover its property by pointing to the obvious danger of a multiplicity of shareholders` suits in the absence of a rule such as "Foss v Harbottle" …*

*The rule did not extend to a case where the act complained of is either illegal or is a fraud upon the minority, and there is also an exception in cases where the act done, although regular in form, is unfair and oppressive as against the minority. This will include acts by directors which are an abuse of powers contained in the company`s constitution and may only be approved by the unanimous consent of the shareholders …*

*A single shareholder may sue in his own name to restrain an act which is an infringement of his individual rights, for example a wrongful refusal to accept his vote at a general meeting of the company or a wrongful exclusion of him from the board of directors. The rule of "Foss v Harbottle" has of course no application to any statutory right conferred by the Companies Act 2006 on individual shareholders or a minimum of them. There is also judicial authority for the view that the rule has no application to any individual right conferred by the articles or memorandum. However whether such rights are an exception to the rule or are beyond its scope is largely a matter of language.*

**ii)** **<u>Skond l-"*Statutory Law*"</u>**

Il-ligi statutorja in kwistjoni hija l-Companies Act 2006.

Fil-Pag 698-699 tat-Tmien Edizzjoni ta` **<u>Boyle & Birds` Company Law</u>** pubblikata minn Jordans fl-2012 jinghad hekk –

*The Companies Act 2006 sets out a statutory replacement for the old common law derivative procedure. This has replaced those aspects of the "Foss v Harbottle" that used to apply to such claims …*

*Section 260 of the Companies Act 2006 defines a derivative claim in traditional terms : proceedings by a member in respect of a cause of action on behalf of the company seeking relief on behalf of the company. Such claims can be brought only in respect of a cause of action arising from an actual or proposed act or omission involving negligence, default, breach of duty or breach of trust by a director of a company. "Director" is widely defined as a former director or a "shadow director". Moreover the cause of action may be against "the director or another person or both". This would appear to allow derivative claims where the controlling or dominant shareholders (or possibly senior managers) are involved in a director`s breach of duty to the company.*

*The procedure for making an application to court for permission to continue a derivative claim is contained in s 261. Section 261(1) provides that if it appears to the court that the application, and the evidence filed by the applicant in support of it, do not disclose a "prima facie" case for giving permission, then the court must dismiss the application and may make any consequential order if it thinks appropriate. Under s 261(3) where the application is not dismissed the court may give directions as to the evidence to be provided by the company, and may adjourn the proceedings to enable the evidence to be obtained. On hearing the petition the court may : (1) give permission to continue the claim on such terms as it thinks fit ; (2) refuse permission and dismiss the claim ; or (3) adjourn the proceedings on the application and give such directions as it thinks fit.*

*Section 262 of the Companies Act 2006 follows the Law Commission`s Report, in allowing a member to continue a claim (brought originally by the company) as a derivative where it is founded on an appropriate cause of action. The member may apply to the court for permission to continue the claim where the company has failed to prosecute the claim diligently or the manner in which the company commenced the claim amounts to an abuse of the rpocess of the court and it is appropriate for the member to continue the claim as a derivative claim. The procedure set out in s 262 (as to applications to continue a claim as a derivative claim) follows the same pattern as that set out in respect of applications for permission to continue a dervative claim in s 261. There is a similar provision (in s 264) allowing an application to court to continue a derivative claim brought by another member. The court may give its permission on the same grounds as a company claim which the court permits a member to bring as a derivative claim.*

**b)** **<u>Il-posizzjoni fil-ligi taghna</u>**

**u l-azzjoni attrici**

Minn analizi tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna, wiehed isib illi l-kwistjoni tal-ammissibilita` fil-ligi taghna tad-*derivative action* insorgiet fl-ambitu ta` kawzi fejn azzjonisti kienu qeghdin ifittxu rimedju skond l-Art 402 tal-Kap 386.

Fil-kawza tal-lum, l-attur ha linja diversa ; ighid illi mar direttament ghall-azzjoni skond l-Art 136A kontra t-tliet konvenuti, in partikolari kontra Alexandra Balzan Ruggier u Joseph Oliver Ruggier, biex jittutela l-interess tas-socjeta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (li hija konvenuta wkoll fil-kawza tal-lum) u tieghu personali bhala azzjonista. Ighid car li dik hija l-azzjoni principali ; waqt li l-Art 402 kien biss riferenza marginali riflessa fil-hames u fis-sitt talbiet li mbaghad gew ritirati. Li jkompli jfisser illi l-attur irrinunzja ghal kull rimedju skond l-Art 402.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi meta l-legislatur Malti ghadda l-Att dwar il-Kumpanniji fl-1995, illum il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, huwa ried jindirizza d-dritt ta` azzjoni tal-'membru' ta` kumpannija, bhal ma huwa l-attur, anke dwar ic-cirkostanzi lamentati mill-attur, fuq il-binarji tal-Art 402.

Fil-fehma ta` l-Qorti, din ghandha tkun *la chiave di lettura* korretta ta` dak li qieghed jigi deciz illum.

U ghalhekk **mhijiex kondivisa** l-linja traccjata mill-attur fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu. Id-"*derivative action*" kif thaddmet fil-*common law* tal-Ingilterra ma tistax titqies fil-kuntest Malti bhala *a plus* favur l-azzjonista, u kwindi agguntiva ghall-azzjoni skond l-Art 402.

Il-Qorti tkompli tisvolgi l-hsieb taghha bil-mod segwenti.

Meta l-Att dwar il-Kumpanniji sar ligi tal-pajjiz fl-1995 biex jiehu post l-Commercial Partnerships Ordinance 1962, il-legislatur Malti kien jaf bl-esistenza tad-"*derivative action*" kif kienet applikata mill-*common law* fl-Ingilterra. Eppure ma holoq l-ebda "*derivative action*" fuq il-binarji kif thaddmet l-Ingilterra bhala eccezzjoni ghall-principji stabbiliti fis-sentenza ta` "*Foss v Harbottle*". **Anzi l-legislatur ried li kollox idur mal-Art 402**. Tant dan huwa hekk illi l-legislatur ma kienx kuntent illi jfassal il-mudell tal-Art 402 fuq il-ligi tal-Ingilterra. Infatti filwaqt illi l-ewwel subinciz ta` l-Art 402 huwa mibni fuq disposizzjoni identika li tinsab fin-New Zealand Companies Act 1993 (ara wkoll – Andrew Muscat : "**Principles of Maltese Company Law**" : pag. 959 et seq), it-tielet subinciz fejn huma nkorporati r-rimedji huwa intervent legislattiv prettament Malti – u din il-Qorti tistqarr u zzid tghid - intervent legislattiv ghaqli hafna.

Xi jfisser dan kollu ? Ifisser illi l-legislatur ried illi l-"membru" jagixxi skond l-Art 402, jaghmel il-prova li tispetta lilu ta` dak li jghid is-subinciz (1) u jekk issir dik il-prova sal-grad rikjest mil-ligi, hemm miftuha u disponibbli r-rimedji kontemplati mis-subinciz (3) li jinkludu l-paragrafu (e).

Din il-Qorti **tikkondividi** l-fehma ta` Andrew Muscat (op. cit.) illi "*article 402(3)(e) of the Companies Act contemplates a **statutory form** of derivative action. The court is in fact empowered by the provisions to authorise "a member or members of the company to institute, defend, continue or discontinue court proceedings in the name and on behalf of the company."*

Hekk ukoll sostnew dawn il-Qrati.

Fis-sentenza taghha tad-29 ta` April 2008 fil-kawza **"Gordon Mizzi et v. Dr. John C. Grech et"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*27. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma` dak li rriteniet l-ewwel Qorti li l-Artikolu 402(3)(e) ta' l-Att dwar il-Kumpaniji huwa l-verzjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva.*

*Ladarba llum il-gurnata l-legislatur Malti irregola b'mod statutorju l-azzjoni derivattiva, huma d-disposizzjonijiet tal-ligi Maltija rilevanti li ghandhom jigu applikati. L-Artikolu 402(1) jipprovdi li r-rimedji kontemplati fl-Artikolu 402(3) – li jinkludi anki l-versjoni Maltija ta' l-azzjoni derivattiva – jistghu jigu esercitati biss minn kull membru tal-kumpannija …*

Il-Qorti qalet dan wara li aktar qabel fl-istess sentenza (ara para. 24) kienet irrilevat b`riferenza ghal dak illi kiteb Andrew Muscat fil-pag 901 footnote 105 ta` "**Principles of Maltese Company Law**" (op. cit.) illi *xi awturi esprimew id-dubji taghhom jekk ir-rikonoxximent tal-kuncett ta' l-azzjoni derivattiva mill-Qrati Maltin huwiex kompatibbli mal-ligi tal-procedura Maltija.*

Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-vantaggi u zvantaggi ta` l-intervent legislattiv kif twettaq. Dak huwa kompitu tal-akkademici. Ir-rwol preciz tal-Qorti huwa li tinterpreta l-ligi kif inhi u tapplikaha b`gustizzja. Mhuwiex il-kompitu taghha li tintraprendi spedizzjonijiet fl-incert. Anzi huwa d-dmir taghha li tinterpreta bis-sewwa biex tistabilixxi c-certezza u mhux tfittex jew tnissel l-incertezza a skapitu tal-gustizzja.

Din il-Qorti hija tal-fehma konvinta illi kieku l-legislatur ried tassew jestendi d-drittijiet tal-"membru" sal-limiti li l-attur qieghed jippretendi li ghandhom ikunu huwa kien ighid hekk fil-ligi stess u mhux ihalli kollox ghall-interpretazzjoni. Tant il-Qorti hija konvinta minn dan illi kif diga` rajna fl-Ingilterra, il-legislatur ghamel qabza ta` kwalita` bejn il-Companies Act 1985 u l-Companies Act 2006. Fl-Act tal-ahhar, dahhal disposizzjoni *ad hoc* li kjarament tmur ben oltre dak kontemplat bl-Art 402 taghna. Il-legislatur Malti ma ghamilx dak il-pass.

Din il-Qorti tifhem li forsi raguni ghala l-*statutory form of the derivative action* dahlet mil-legislatur Malti fl-ambitu tal-Art 402 setghet kienet ukoll dik moghtija minn Lord Justice James fi "*Gray v Lewis*" diga` citata minn **Boyle & Birds Company Law** (op. cit.) u cioe` li jirriafferma l-principju illi *any body corporate is the proper plaintiff in proceedings to recover its property* sabiex ma jkunx hemm *the obvious danger of a multiplicity of shareholders` suits in the absence of a rule such as "Foss v Harbottle".*

Il-Qorti tghid illi bil-procedura stabbilita mil-legislatur Malti, il-"membru" jaf fejn hu. L-Art 402(1) jaghti lill-"membru" dritt ta` azzjoni fil-kaz illi t-tmexxija tal-"affarijiet tal-kumpannija" jirrizulta li jkunu qeghdin jitmexxew bil-mod kontemplati fl-istess subinciz. Il-Qorti tara l-ghaqal tal-legislatur illi tant wessa` l-ilmenti ghad-disposizzjoni tal-"membru" li purche` jaghmel il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi r-rimedji li jista` jitlob u li huma fid-diskrezzjoni tal-Qorti huma wiesa` bizzejjed biex jinkludu l-paragrafu (e). It-tutela tal-"membru" hija ben riposta bl-assjem tal-Art 402 u kwindi ma hemm ebda kwistjoni ta` "*derivative action*" x`tigi ntavolata addirittura in aggunta ma` dak illi l-legislatur Malti ried jeskludi bil-mod kif fassal u kiteb l-Art 402 tal-Kap 386.

**In konkluzjoni**, il-Qorti tghid illi, bhala azzjonista u membru ta` Central Holidays (Travel and Tourism) Limited, l-attur ma setax jistitwixxi direttament l-azzjoni tal-lum fejn jilmenta minn allegat ksur ta` l-Art 136A tal-Kap 386, bla ma jirrikorri l-ewwel ghall-Art 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk l-eccezzjonijiet huma fondati. Ladarba l-azzjoni attrici kif dedotta fil-parametri tal-Kap 386 ma tistax tirnexxi, il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghal-lanjanza attrici skond l-Art 1124A tal-Kap 16 abbazi tal-principji tad-dritt riferiti aktar kmieni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u tas-sitt talbiet tal-attur stante li dawn kienu rtirati fil-mori tal-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C8035) stante li din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Central Holidays (Travel and Tourism) Limited (C8035).**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier stante li din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` t-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuta Alexandra Balzan Ruggier.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba` eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Oliver Ruggier stante li dawn l-eccezzjonijiet kienu rtirati fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` t-tielet, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Oliver Ruggier.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.**

**Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet tal-attur.**

**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------